MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta’ Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 93/2018 LM

**Il-Ministru tal-Finanzi**
*(“l-appellat”)*

***vs.***

**Clentec Limited (C 48089)**
*(“is-soċjetà appellanta”)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Clentec Limited (C 48089)** (minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellanta”), mid-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta’ Lulju, 2018 (minn issa ’l quddiem “il-lodo arbitrali”) mit-Tribunal fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”),

li permezz tagħha ddeċieda illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Il-Ministru tal-Finanzi**, u jillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' ħdax-il elf mija u tmienja u ħamsin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€11,158.61) rappreżentanti bilanċ ta' flus imħallsa żejjed fuq medda ta' tliet snin għal sigħat ta' servizzi ta' tindif li ma nħadmux mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata, jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas din is-somma likwidata u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Diċembru, 2014, il-ħlas tal-imgħax fuq dan l-ammont b'effett mis-17 ta' Marzu, 2015, id-data meta ġie ppreżentat l-Avviż tat-Talba, jiċħad il-kontrotalba mressqa mis-soċjetà intimata, u jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ispejjeż tal-arbitraġġ, sew inkwantu għat-talba kif ukoll għall-kontrotalba.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tikkonċerna l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti mill-Ministeru tal-Finanzi għal servizzi ta' tindif fil-bini tal-istess Ministeru, li kien jinkludi numru ta' binjiet fil-Belt Valletta. Is-sejħa għall-offerti li kienet ippubblikata fit-22 ta' Ottubru, 2010, ġiet aġġudikata favur is-soċjetà intimata, li ffirmat kuntratt għall-għoti ta' tali servizzi għal perijodu ta' sena, bl-ispeċifikazzjonijiet kollha elenkati skont il-ħtiġijiet tar-rikorrent. Dan il-kuntratt ġie mġedded għal żewġ perijodi oħra ta' sena kull darba. Jirriżulta li fl-2014 sar *audit* min-*National Audit Office* (NAO) fir-rigward tal-kuntratti li kellu l-istess Ministeru, fosthom l-imsemmi kuntratt ta' tindif, fejn instabu għadd ta'

irregolaritajiet. Kien għalhekk, u wara li r-rikorrent ipprova jinterpella lis-soċjetà intimata sabiex din il-kwistjoni tiġi riżolta bonarjament u din baqgħet inadempjenti, li r-rikorrent ippreżenta n-Notifika tal-Arbitraġġ bl-Avviż tat-Talba, fejn talab lit-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma ta' €11,158.61 rappreżentanti bilanċ ta' flus imħallsa żejjed fuq medda ta' tliet snin għal sigħat ta' servizzi ta' tindif li ma nħadmux mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata, u sabiex is-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata, bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u spejjeż ġudizzjarji oħra mitluba.

3. Is-soċjetà intimata ddefendiet ruħha billi ressqet kontrotalba, fejn filwaqt li ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, talbet lit-Tribunal jieħu konjizzjoni tal-kontrotalba mressqa minnha, billi talbitu jiddikjara li r-rikorrent rikonvenzjonat huwa debitur tagħha fl-ammont ta' erbatax-il elf, disa' mija u erba' u ħamsin Euro u erba' u disgħin ċenteżmu (€14,954.94) rappreżentanti bilanċ li jirriżulta wara t-tpaċija tal-ammont ta' €17,912.35 dovut mir-rikorrent lis-soċjetà intimata, mal-ammont ta' €2,957.41 dovut lill-istess rikorrent mill-intimata, liema ammont jirrappreżenta ħlas għal servizzi reżi lir-rikorrent, liema ħlas baqa' ma sarx. Waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2015 quddiem it-Tribunal, dan l-ammont ġie ridott għal €11,191.42 mis-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata talbet ukoll li r-rikorrent rikonvenzjonat jiġi kkundannat iħallas dan l-ammont, bl-imgħaxijiet skont il-liġi u bl-ispejjeż.

4. Ir-rikorrent rikonvenzjonat laqa' għal din il-kontrotalba billi wieġeb li l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti rikonvenzjoanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha stante li l-ebda ammont mhu dovut lis-soċjetà intimata mir-rikorrent, kif ukoll li l-pretensjonijiet tas-soċjetà intimata għandhom jiġu respinti għaliex kwalunkwe ammont li seta' kien dovut lilha ġie paċut skont il-liġi ma' ammont dovut minnha lir-rikorrent rikonvenzjonat. L-intimat rikonvenzjonat spjega li kwalsiasi ammont li seta' kien dovut minnu lill-intimata rikonvenzjonanti għal servizzi pprestati tul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2014 ġew imnaqqsa wara eżerċizzju li sar mill-Ministeru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjoni tal-Awditur Ġenerali, sabiex jiġi identifikat l-ammont li tħallas żejjed lis-soċjetà intimata matul is-snin.

**Mertu**

5. Ir-rikorrent ipproċeda bin-notifika tal-Avviż tal-Arbitraġġ wara li sar eżerċizzju ta' awditjar fejn ġie stabbilit li kienu saru ħlasijiet żejda lis-soċjetà intimata matul il-perijodu tal-kuntratt, speċifikament ħlas fl-ammont ta' €11,158.61 għal sigħat ta' tindif li ma nħadmux mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata. Id-Deputat Awditur Ġenerali ta' dak iż-żmien, **Charles Deguara**, spjega fix-xhieda tiegħu, li fl-2014 kien sar eżerċizzju ta' awditjar li matulu ġie stabbilit li kien hemm diversi nuqqasijiet fl-imsemmi kuntratt, partikolarment għaliex dan kien jistipula li kellu jkun hemm ħames *janitors* inaddfu, imma fil-

fatt kien ikun hemm erbgħa biss. Qal ukoll li wħud mill-*payment vouchers* li nħarġu ma kienx fihom l-informazzjoni kollha li suppost ikollhom, u kien hemm drabi fejn irriżulta li r-rata ta' ħlas li tħallset ma kinitx dik stipulata fil-kuntratt. Dan ix-xhud spjega li kien hemm anki ħlasijiet ta' sahra li saru b'rati differenti minn dawk maqbula, u ġie stabbilit li s-soċjetà intimata ma kinitx ipprovdiet garanzija bankarja kif kienet rikjesta tagħmel skont it-termini tal-kuntratt. Ġie spjegat li l-erba' ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kienu qegħdin jaħdmu bejniethom 130 siegħa ta' xogħol, imma s-soċjetà intimata kienet qiegħda titlob ħlas, u attwalment titħallas, daqslikieku preżenti fil-Ministeru kien hemm ħames ħaddiema l-ħin kollu, għal total ta' 145 siegħa fil-ġimgħa. Diffikultà oħra li nqalgħet kienet dwar ix-xogħol ta' tindif li beda jsir f'żewġ binjiet oħra li wkoll kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols fi Triq Zekka, u l-binja tal-*Public Contracts Review Board,* li l-ħlas għat-tindif tagħhom kien qiegħed isir skont ir-rata stabbilita għas-sahra ta' €6.80 fis-siegħa. Ir-rikorrent spjega, permezz tad-diversi xhieda li tressqu minnu, li meta ġiet ikuntattjata s-soċjetà intimata u ntalbet spjegazzjoni dwar dawn il-ħlasijiet żejda li saru lilha, din ammettiet li kien hemm dan l-*overcharging.* Intqal ukoll li s-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta garanzija bankarja kif kienet obbligata tagħmel skont it-termini tal-kuntratt, iġifieri fi żmien sebat ijiem mill-ittra ta' aċċettazzjoni tal-provvista tas-servizz, u għalhekk din kienet kisret waħda mill-klawsoli tal-kuntratt.

7. Wieħed mix-xhieda mtella' mill-Ministeru, **Noel Montebello**, spjega li l-multa għall-ksur tal-klawsoli tal-kuntratt kienet ta' €25 kuljum, għalkemm żied

jgħid li fil-proċeduri arbitrali r-rikorrent mhu jressaq l-ebda pretensjoni għall-ħlas ta' tali multa. Dan ix-xhud qal li fl-2013, għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, sar ħlas ta' €56,391 lis-soċjetà intimata. Qal li n-numru ta' ħaddiema pprovduti mis-soċjetà intimata ma kienx skont it-termini tal-kuntratt. Qal li meta ġie stabbilit li kien hemm diversi nuqqasijiet f'dan il-kuntratt partikolari, l-Awditur Ġenerali rrakkomanda li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jiġi rkuprat l-ammont imħallas żejjed fl-aqsar żmien possibbli, u kien waqt dan l-eżerċizzju li ġie stabbilit li l-ammont imħallas żejjed mill-Ministeru kien jammonta għal €11,158.61. Skont kalkoli ppreżentati mid-diversi xhieda mressqa mill-Ministeru, fosthom minn Noel Montebello nnifsu u minn Tanya Zerafa, jirriżulta li l-ammont imħallas żejda għas-sigħat maħduma minn erba' ħaddiema minflok ħamsa, jammonta għal €21,988.52, filwaqt li l-ammont li jrid jitħallas lura lill-Ministeru mis-soċjetà intimata għall-ħaddiema li ntbagħtu fil-bini tal-PCRB u fir-raba' sular ta' Maison Demandols fi Strada Żekka, u li tħallsu bir-rata stabbilita għall-*overtime*, huwa ta' €3,564.38, sabiex b'hekk irriżulta li l-*overpayment* li sar lis-soċjetà intimata kien ta' €25,552.90. Uffiċjali mill-Ministeru rikorrent spjegaw ukoll li kien hemm ammont dovut lis-soċjetà intimata għal servizzi pprestati minnha, u dan l-ammont ġie paċut mal-pretensjonijiet totali tar-rikorrent, sabiex b'hekk it-total dovut mis-soċjetà intimata tnaqqas għal €11,158.61. Il-ħlasijiet dovuta lis-soċjetà intimata jammontaw għal €10,481.37 għas-servizzi pprestati bejn Jannar u Marzu tal-2014, filwaqt li kellha tingħata konsiderazzjoni wkoll tal-ammont li jrid jitħallas lis-soċjetà intimata għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja matul is-snin tal-kuntratt, li jammontaw għal €3,912.80, u dan għaliex wara li nħarġet is-sejħa għall-offerti,

ittieħdet id-deċiżjoni li f'każijiet bħal dawn ikun il-Gvern li jagħmel tajjeb għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja sabiex il-vijabbilità tal-offerti mitfugħa ma tiġix ippreġudikata wara li jkun beda jiddekorri t-terminu tal-kuntratt. Ir-rikorrent qal li skont it-termini tal-kuntratt, ir-rata fis-siegħa għal kull wieħed mill-ħames ħaddiema pprovduti mis-soċjetà intimata kellha tkun ta' €5.60 fis-siegħa. Intqal ukoll li filwaqt li jista' jkun li huwa minnu li qatt ma kien hemm ilmenti dwar il-prestazzjoni tas-servizzi mis-soċjetà intimata, dawn in-nuqqasijiet fil-kuntratt ħarġu fil-beraħ wara eżerċizzju ta' awditjar li sar min-*National Audit Office* fl-2014, u kien għalhekk li ġie deċiż li l-Ministeru għandu jaġixxi sabiex jirkupra l-ħlasijiet żejda mħallsa minnu.

8. Ir-rikorrent spjega li l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq l-artikoli 1021 u 1022 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni tal-*indebiti solutis,* u skont il-ġurisprudenza t-tliet elementi li jridu jiġu osservati sabiex tali azzjoni tirnexxi huma: (i) li r-rikorrent ikun ħallas l-ammont minnu reklamat; (ii) li tali ammont ma kienx dovut minnu; u (iii) li jirriżulta li dan l-ammont tħallas bi żball.

9. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li l-ammont pretiż mir-rikorrent mhuwiex korrett, u li dan l-ammont huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-intimata kellha tipprovdi ħames ħaddiema kuljum, u li għal kull wieħed minnhom kellu jkun hemm ħlas ta' €5.60 fis-siegħa. Is-soċjetà intimata sostniet li s-sejħa għall-offerti kienet tistipula li s-servizzi meħtieġa kienu maqsumin f'erbgħa, jiġifieri x-xogħol li jrid isir ta' kuljum, ix-xogħol li jrid isir darba fil-ġimgħa, ix-xogħol li jrid isir darba fix-xahar

u x-xogħol li jrid isir darba kull erba' xhur. Sostniet li fis-sejħa għall-offerti ma kienx speċifikat kemm huwa l-ammont ta' sigħat meħtieġa f'kull ġurnata ta' xogħol, u l-uniku dettall f'dan ir-rigward kien li x-xogħol kellu jsir mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bl-esklużjoni tal-btajjel pubbliċi, u x-xogħol seta' jinbeda sa siegħa qabel il-ġurnata tax-xogħol normali u jispiċċa sat-tlieta ta' waranofsinhar, filwaqt li waħda mill-*cleaners* kellha tibqa' preżenti sal-ħamsa ta' waranofsinhar. Esponenti tas-soċjetà intimata spjegaw li dan il-każ kien differenti minn sejħiet għall-offerti oħrajn, fejn ħafna drabi kien jitniżżel b'mod approssimattiv l-ammont ta' sigħat meħtieġa f'post tax-xogħol partikolari. Intqal ukoll li f'din is-sejħa għall-offerti ġie speċifikat li l-ħlas kellu jkun ta' €5.60 għal kull siegħa maħduma minn kull ħaddiem ipprovdut mis-soċjetà intimata. Jirriżulta iżda li fit-*tender document* maħruġ mill-Ministeru ġie speċifikat li *"the number of cleaners proposed is to be declared in the tender",* u s-soċjetà intimata kienet intalbet tistipula kemm kellu jkun in-numru ta' ħaddiema li kienet ser tipprovdi għal kull ġurnata, u din speċifikat li kienet ser tibgħat ħames ħaddiema fil-Ministeru inkwistjoni. Is-soċjetà intimata wieġbet għal dan billi qalet li mhux minnu li hija kienet obbligat ruħha li tipprovdi ħames ħaddiema għal kull ġurnata ta' xogħol, u l-ħames ħaddiema kienu meħtieġa għax-xogħol li kellu jsir darba fil-ġimgħa jew darba fix-xahar u mhux kuljum. L-intimata qalet li n-numru ta' ħaddiema li hija kienet tibgħat ta' kuljum ġie mgħarraf lid-*Director Corporate Services* tal-istess Ministeru, ċertu Anthony Savona, li fix-xhieda tiegħu qal li għalih l-importanti kien li x-xogħol isir sew, u mhux in-numru ta' ħaddiema li kienu jintbagħtu mis-soċjetà

intimata. L-intimata sostniet li kien biss wara l-eżerċizzju li sar min-*National Audit Office* li tqajmu dubji dwar jekk hi kinitx onorat it-termini tal-kuntratt.

10. **Roann Avallone** *financial controller* mas-soċjetà intimata, xehdet li kien hemm żmien meta n-numru ta' ħaddiema pprovduti mis-soċjetà intimata lill-Ministeru tela' għal sebgħa, u spjegat li filwaqt li oriġinarjament is-soċjetà intimata kellha ħames *cleaners* li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol li jsir ta' kuljum, ta' kull ġimgħa jew ta' darba fix-xahar fil-Ministeru, eventwalment fl-2011 din intalbet iżżid żewġ ħaddiema oħra, wieħed il-PCRB u ieħor f'Maison Demandols. Din ix-xhud qalet ukoll li l-kuntratt kien jipprospetta pagament fiss ta' kull xahar u mhux pagament bir-rata fis-siegħa skont in-numru ta' ħaddiema li jkun hemm jaħdmu. Hija spjegat li skont it-termini tas-sejħa għall-offerti, ir-rikorrent talab prezz globali għal sena sħiħa, li jinkludi l-VAT, l-ekokontribuzzjoni, it-taxxi u skontijiet, kif ukoll intalbet rata ta' ħlas għas-sahra f'każ li s-servizzi tas-soċjetà intimata kienu ser jintalbu fil-festi u fil-btajjel pubbliċi. Spjegat li ċ-ċifra mitluba mis-soċjetà intimata ġiet stabbilita wara li sar kalkolu tal-vijabbilità tal-operat tal-kumpannija, u kienet is-soċjetà intimata li stabbiliet ir-rata ta' €6.80 fis-siegħa għas-sahra. Kompliet tispjega li s-soċjetà intimata kienet toħroġ fatturi kull xahar fejn kien jintalab l-istess ammont, u kull erba' xhur kienet toħroġ fattura separata għall-ħaddiema li kienu jintalbu jagħmlu x-xogħol meħtieġ ta' darba kull erba' xhur, bħat-twieqi u xogħol ieħor li ma kienx isir ta' spiss. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-*indebiti solutio,* huwa minnu li jrid ikun hemm pagament li ma kienx dovut u li jkun sar bi żball, imma jispetta lil min jipproponi azzjoni bħal

din li jipprova l-ħlas, l-ineżistenza tal-*causa solvendi* u l-iżball. Żiedet tgħid li huwa ċar li l-pagament da parti tar-rikorrent sar, ħlief għall-ammont dovut għat-tliet xhur bejn Jannar u Marzu 2014. Imma qalet li mhux minnu li kien hemm żball ta' fatt fir-rigward tal-ħlasijiet li l-Ministeru qed jinsisti li saru żejda. Spjegat li minn dak li xehed Anthony Savona nnifsu, għandu jirriżulta li matul it-terminu tal-kuntratt, il-Ministeru kien jaf kemm kien l-ammont ta' ħaddiema li kienu qegħdin jintbagħtu jnaddfu, u kien biss wara l-eżerċizzju ta' verifika li sar mill-NAO li ġie stabbilit li kien hemm ħlasijiet mhux dovuta li saru xorta waħda. Is-soċjetà intimata insistiet li l-Ministeru m'għandux jedd jinsisti għar-rifużjoni tal-ħlasijiet żejda, ladarba ġie ppruvat li x-xogħol sar u li ma kien hemm l-ebda ilmenti dwar dan ix-xogħol. B'riferiment għall-pretensjonijiet imressqa minnha fil-kontrotalba tagħha, is-soċjetà intimata spjegat li parti mill-pretensjoni tagħha fl-ammont ta' €3,763.52, tirrappreżenta il-ħlas tal-COLA mill-Ministeru fir-rigward tal-ħaddiema kollha pprovduti minnha tul il-perijodu tal-kuntratt, fuq numru fiss ta' 7,540 siegħa ta' xogħol. Is-soċjetà intimata spjegat ukoll li l-ħlas għas-servizzi pprovduti minnha fl-ewwel tliet xhur tal-2014 jammonta għal €21,675.87, liema ammont baqa' ma tħallsux mill-Ministeru.

11. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lid-*Director Corporate Services* tal-Ministeru, **Anthony Savona** li fiż-żmien meta ntalab jagħti d-depożizzjoni tiegħu kien irtira mix-xogħol, li spjega li fis-sejħa għall-offerti ma kienx hemm speċifikat kemm kien in-numru ta' ħaddiema meħtieġa, iżda kienet saret *site visit* għal min xtaq jitfa' l-offerta sabiex dawn setgħu jaraw ix-xogħol meħtieġ

fiex kien jikkonsisti. Dan ix-xhud qal li għalih kien importanti li x-xogħol li kien meħtieġ li jsir, isir, indipendentement min-numru ta' ħaddiema li jintbagħtu minn min eventwalment jirbaħ it-*tender.*

## <u>Il-lodo arbitrali</u>

12. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fis-6 ta' Lulju, 2018, it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent, ċaħad il-kontrotalba tas-soċjetà intimata u kkundannaha tħallas tal-ispejjeż kollha marbuta mat-talba prinċipali u mal-kontrotalba, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"1. F'dan l-arbitraġġ għandna* claim *kontestata u* counter-claim *kontestata wkoll. Il-partijiet huma l-Ministeru tal-Finanzi bħala rikorrent (u wara rikonvenut) u Clentec Ltd bħala soċjetà intimata (u wara soċjetà rikonvenjenti). Involuti hemm* quantum *li naħa tgħid li ħallset żejjed u* quantum *li l-parti l-oħra tgħid li baqalha titħallas.*
>
> *2. It-talba qed titlob:*
>
> *1) dikjarazzjoni li s-soċjetà intimata hi debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' ħdax-il elf, mija u tmienja u ħamsin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€11,158.61) bilanċ ta' dak li tħallas żejjed fuq is-snin ta' sigħat ta' servizzi ta' tindif li ma nħadmux mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata;*
>
> *2) li s-soċjetà intimata tiġi kundannata tħallas il-quantum imsemmi, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji kollha u l-imgħaxijiet mitluba.*
>
> *3) Preċedentement għat-talba nsibu dikjarazzjoni u spjegazzjoni kif ġej:*
> *"Ammont li huwa dovut lill-esponenti, il-Ministru tal-Finanzi ta' 30, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u jammonta għal ħdax-il elf, mija u tmienja u ħamsin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€11,158.61) u rappreżentanti l-bilanċ tal-ammont iż-żejjed fuq is-snin*

*tas-sigħat ta' tindif li ma nħadmux mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata Clentec Limited (C 48089) taħt il-kuntratt għall-għoti tas-servizz ta' tindif (hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A') kif imġedded ('Dok. A1' u 'A2'), u li sal-lum, is-soċjetà intimata, għalkemm interpellata diversi drabi, naqset milli tħallas lura dan l-imsemmi ammont dovut lill-esponenti kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-arbitraġġ odjern."*

4. *Is-soċjetà intimata qalet li dak mitlub għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti. Imbagħad għaddiet biex tagħmel* counter-claim.

5. *Fil-*counter-claim *hemm miktub kif ġej:-*

*"1. Dikjarazzjoni li r-rikorrent rikonvenut huwa debitur tas-soċjetà intimata rikonvenjenti fis-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija erbgħa u ħamsin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€14,954.94) rappreżentanti bilanċ (li jirriżulta wara t-tpaċija tal-ammont ta' €17,912.35 dovut mir-rikorrent rikonvenut li s-soċjetà intimata rikonvenjenti mal-ammont ta' €2,957.41 altrimenti dovut lill-istess rikorrent mill-Clentec Limited) ta' prezz ta' servizzi reżi lilu skont kif miftiehem, liema bilanċ baqa' ma tħallasx.*

*2. Kundanna ta' ħlas ta' bilanċ dovut, bl-imgħax skont il-liġi u spejjeż."*

6. *Preċedentement għal dan, hemm spjegat kif ġej:-*

*"Illi r-rikorrent rikonvenut huwa debitur tas-soċjetà intimata rikonvenjenti fis-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u erbgħa u ħamsin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€14,954.94) rappreżentanti bilanċ – ara **Dok. CL1** anness (li jirriżulta wara t-tpaċija tal-ammont ta' €17,912.35 dovut mir-rikorrent rikonvenut lis-soċjetà intimata rikonvenjenti mal-ammont ta' €2,957.41 altrimenti dovut lill-istess rikorrent minn Clentec Limited – ara **Dok. CL2** anness)."*

7. *Din il-*counter-claim *ġiet opposta mir-rikonvenut b'dan il-mod:*

*L-ammonti dovuti lis-soċjetà intimata ta' Jannar, Frar u Marzu 2014 u rikjamati minnha huma inklużi u ġew imnaqqsa fl-eżerċizzju li għamel il-Ministeru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjoni tal-Awditur Ġenerali sabiex jidentifika l-ammont imħallas żejjed lis-soċjetà intimata matul is-snin u l-kalkoli relattivi jinsabu f'Dokument Ċ anness mal-affidavit ta' Noel Montebello.*

8. *Hawn jiġi notat li fis-seduta Nru. 4 tad-19.10.2015 Dr Victor Axiaq għas-soċjetà rikonvenjenti rriduċa t-talba għal €11,191.42 (ara para 5 supra).*

***Provi***

*9. Hawnhekk għandna xhieda* viva-voce *kif ukoll bl-affidavit flimkien ma' għadd ta' dokumenti. Ta' min isemmi minnufih ukoll sottomissjonijiet bil-miktub ferm studjati.*

*10. Fl-ewwel seduta fis-smigħ tal-arbitraġġ ġie ppreżentat affidavit ta' Noel Montebello, Assistent Direttur Finanzi fi ħdan il-Ministeri Rikorrenti. Dan jitqies bħala l-ftuħ tal-provi. Hawn jissemmew xi punti ewlenin u biex tiġi evitata ripetizzjoni wieħed għandu jqis id-dettalji kontenuti fl-istess affidavit.*

*11. Ix-xhud beda biex qal li dan kien każ ta' tender għat-tindif fil-Ministeru u s-soċjetà intimata rebħitu u l-kuntratt ġie ffirmat fis-27 ta' Diċembru 2010. Semma rata fis-siegħa, għadd ta' cleaners kuljum, ammont totali għal sena ta' €43,436 u rata ta'* overtime. *Il-kuntratt kellu terminu ta' sena li bdiet mill-1.1.2011 u ġie mġedded għal sentejn oħra u wara għal tliet xhur sal-31 ta' Marzu 2013.*

*12. Fil-bidu tas-sena 2014 il-Ministeru ġie sottomess għal-audit mill-Uffiċċju Nazzjonali għall-Awditjar (NAO). Dwar il-kuntratt mas-soċjetà intimata l-NAO għamel osservazzjonijiet taħt l-irjus li ġejjin u li wieħed għandu jagħmel riferenza għalihom:-*

*a) Numru ta' ħaddiema mhux skont it-tender;*
*b) Non-aderenza għar-rati u termini tat-tender;*
c) Non-submission of bank guarantee.

*Dan kollu munit b'għadd ta' dokumenti esebiti.*

*13. Finalment ix-xhud qal li l-NAO waslu għall-konklużjonijiet li jidhru hawn:-*

| | |
|---|---|
| • *Ammont imħallas żejjed* | *€25,552.78* |
| • *Ammont dovut lis-soċjetà intimata għall-invoices tal-2014* | *€10,481.37* |
| • *Ammont dovut lis-soċjetà rigward il-COLA matul is-snin Kollha tal-kuntratt* | *€3,912.80* |
| *Bilanċ finali dovut lill-Ministeru* | *€11,158.61* |

*Nonostante interpellanza uffiċjali, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.*

*14.* Charles Deguara*, Deputy Auditor General, NAO, irrefera għall-audit imsemmi. Beda biex qal li flok 5* janitors, *għadd ta' drabi kien hemm 4. Imbagħad żied hekk:*

*"Sar audit fuq il-*payment vouchers *u rriżulta li ftit minnhom ma kienx fihom l-informazzjoni li suppost kellhom u diversi drabi ir-rata użata ma kinitx dik stipulata fil-kuntratt.*

*Kien hemm figura ta' cirka €12,000* overpaid *fuq perijodu ta' 12-il xahar. Fil-kuntratt kien hemm rata ta'* overtime *ta' Eur 6.80 fis-siegħa li kienet qed tintuża b'mod ħażin peress li kien hemm rata ta' kull xahar ta' €3500 li ma kinitx qed tintuża. Minflok kienet qed tintuża r-rata tal-*overtime*. Ir-rata li kellha tintuża kienet dik ta' €5.80 fis-siegħa.*

*Ġie osservat ukoll li ma ġietx provduta* bank guarantee *li suppost ġiet ippreżentata fi żmien 7 ijiem mid-data tal-*letter of acceptance.

*Aħna rrakkomandajna li ssir stima preċiża ta' kemm tħallas żejjed bil-għan li dan jiġi irkuprat mill-aktar fis possibbli."*

*15. **Tanya Zerafa,** fl-affidavit Dok. TZ bdiet biex qalet li hi tokkupa l-kariga ta' Asst. Principal fil-Ministeru. Wieħed hawn jirreferi għall-affidavit fejn hemm dettalji tal-*cleaners *li attwalment ħadmu fil-Ministeru, is-sigħat, rati ta' ħlas, eċċ. Dan għall-perijodu kollu mertu ta' dan l-Arbitraġġ inkluż dak li ħtieġet il-COLA. Kollox bl-iċken dettall.*

*16. **Marisa Pisani**, Direttur tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru rriferiet għal-laqgħa li kellha ssir mal-intimati u tħassret u ma kellhomx ħlief li jinterpellaw għall-ħlas minnhom pretiż.*

*17. **Roanne Avallone**, kien ilha (affidavit datat 19.10.2015) 12-il sena Financial Controller ta' Clentec Ltd. Spjegat fid-dettall kif ħejjew it-tender u dak kollu li sar waqt li x-xogħol kien għaddej, xhieda munita bid-dokumenti annessi Dok. RA1 sa 5. Din ix-xhieda ossia dan l-affidavit fih l-irjus li ġejjin:*

*Item 1 – Work to be performed daily*
*Item 2 – Work to be performed once a week*
*Item 3 – Work to be performed once a month*
*Item 4 – Work to be performed once every four months.*
*NB: Hawn fil-para.18, ġie dikjarat li l-kontro-talba qed titnaqqas minnha €14,954.94.*

*18. **Priscilla Farrugia Turner** bdiet l-affidavit tagħha billi qalet li kien ilha għal 7 snin* accounts clerk *ma' Clentec Ltd. Qalet li hi kienet toħroġ lil Tony Savona (għall-*

*Ministeru) l-*invoices *kull xahar għal ammont fiss. Fil-Ministeru l-*cleaners *kienu jiffirmaw* job sheet *fi tlieta: waħda tinżamm mill-Ministeru, waħda għall-impjegat u oħra għal Clentec. Xi drabi l-impjegati kienu jitilqu bla jiffirmaw, drabi oħra meta kien ikun hemm xi sostitut minħabba mard jew frank. Kien hemm il-*palm readers *li dwarhom kien ikun hemm fallimenti. Ma rċevewx ilmenti mill-Ministeru dwar dan. Imbagħad għaddiet biex ikkritikat il-pretensjoni tar-rikorrenti.*

*19.* ***Anthony Savona*** *qal (26.04.2016) li kien pensjonant. Bejn l-2010 – 2013 kien impjegat fil-Ministeru tal-Finanzi u f'xi mument fl-2014 irtira. Fil-Ministeru kien* Director Corporate Services*.*

*20. Dwar l-għadd ta'* cleaners *qal li fil-fatt kien hemm 4 u mhux 5 iżda għadda ż-żmien. Kien il-*bidder *li speċifika l-għadd ta'* cleaners*. Hawn għadda biex ta aktar dettalji – dejjem suġġett li jiftakar. Clentec qatt ma nfurmawh li kien hemm xi diskrepanza fil-kuntratt jew it-tender document.*

*21. Meta reġa' ssejjaħ jixhed (8.5.2017) speċifikament in kontro-eżami beda biex enfasizza li għaddew diversi snin u allura nixhed minn dak li niftakar. Qal li dak li kien jinteressah kien li x-xogħol isir sewwa. Għalih l-importanti kien li jsir ix-xogħol bl-istess prezz indipendentement minn kemm jużaw* cleaners *u kemm jużaw ħin. Il-ħlas kien isir wara li kienet tinħareġ* invoice *u hu kien jiċċekkjaha, u sakemm telaq, ma jiftakarx li kien hemm ilment dwar il-ħidma ta' Clentec.*

***Konsiderazzjonijiet***

*22. L-arbitru sottoskritt jibda biex jgħid li hu sab għajnuna valida minn NOTA TA' OSSERVAZZJONIJIET sottomessa mill-abbli difensur ta' kull waħda miż-żewġ partijiet.*

*23. Dwar il-provi sottomessi, sew permezz ta' affidavit, xhieda* viva voce *u dokumenti, kollha kienu jġiegħluk tirrifletti. Dan iżda ma jgħoddx għax-xhieda ta' Anthony Savona. Meta xehed qal li kien ilu pensjonant sa minn xi mument fl-2014. Matul ix-xhieda (xehed f'żewġ seduti konsekuttivi, l-ewwel waħda fis-26.5.2015) il-ħin kollu jenfasizza fuq* jekk niftakar*. Din ix-xhieda tikkontrasta ma' dik tax-xhieda l-oħra u ftit li xejn hi ta' għajjut u ftit li xejn titfa' dawl fuq il-problema taħt eżami.*

*24. In sustanza dan hu kuntratt li kellu bħala għan tiegħu li tinżamm l-indafa fil-Ministeru u dana permezz tal-*cleaners *tas-soċjetà intimata, iżda dan ma kienx isemmi somma globali u daqshekk. Din l-indafa riedet tinżamm permezz ta' għadd ta'* cleaners*, ċerti ħinijiet u ħlasijiet spjegati.*

*25. Dan hu każ, fit-talba oriġinali, ta'* indebiti solutio*. Il-Ministru isostni li saru pagamenti żejda bi żball u qed jitlob rifużjoni. Dan l-iżball ħareġ minn audit mill-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u dwar l-operat f'dan il-każ, xehed Charles Deguara, Deputat Awditur Ġenerali li ta dettalji tal-verifiki li saru. Ma' dan wieħed iqis ix-xhieda ta' Noel Montanaro, Asst. Direttur Finanzi fil-Ministeru u dik ta' Tanya Zerafa, Asst. Prinċipal fil-Ministeru li tat stampa li ma tistax tkun aktar dettaljata. Minn din ix-xhieda meqjusa flimkien joħroġ ċar kif inhi fondata t-talba rikorrenti. Eżerċizzju li jagħti spjegazzjonijiet ċari.*

*26. Interessanti dan, li ma jistax jitqies bħala eskluż apprioristikament mill-kumpless tal-provi:*

*i) is-soċjetà intimata (u wara rikonvenjenti) iċċaqilqet wara li rċeviet il-CLAIM tal-Ministeru. Għal dan wieġbet b'RISPOSTA li ma kellha tħallas xejn lill-Ministeru anzi dan kien debitur lejha.*
*ii) Wara li ressqet il-kontro-talba CLENTEC Ltd f'ċertu* quantum *dan l-ammont ġie mnaqqas.*

*27. Meta qies bis-sabar kollu, kif kien id-dmir tiegħu, dak kollu mressaq quddiemu, is-Sottoskritt wasal għal konklużjoni li l-Ministeru rikorrenti wasal biex ipprova sodisfaċentement il-każ tiegħu. Dan fid-dawl tad-dritt probatorju* in civilibus*. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata, wara rikonvenjenti, ma ppruvatx dak kollu li kellha tipprova la vis à vis l-CLAIM tal-Ministeru u anqas fejn tidħol il-COUNTER-CLAIM tagħha.*

*28. Meqjus dak kollu miġjub hawn fuq l-Arbitru Sottoskritt jiddeċiedi billi:*

*(1) Fir-rigward tat-TALBA tal-Ministeru rikorrenti din għandha tiġi milqugħa;*
*(2) Għandha tiġi milqugħa fl-ammont mitlub ta' ħdax-il elf, mija u tmienja u ħamsin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€11,158.61);*
*(3) Is-soċjetà Clentec Limited qed hawn tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent Ministru tal-Finanzi il-quantum imsemmi u dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Diċembru 2014;*
*(4) Is-soċjetà Clentec Limited qed tiġi kkundannata biex fuq il-quantum imsemmi tħallas l-imgħax skont il-liġi mis-17 ta' Marzu 2015, jum li fih ġie ppreżentat in-*Notice of Arbitration*;*
*(5) Il-*counter-claim *imressqa mis-soċjetà rikorrenti Clentec Limited qed tiġi miċħuda in toto;*

(6) *L-istess Clentec Limited qed tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż tal-Arbitraġġ preżenti sew in kwantu għall-CLAIM kif ukoll dwar il-*Counter Claim *u dan skont it-taxxa maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li qiegħda tiġi annessa ma' din id-deċiżjoni u mmarkata Dokument A."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat l-appell tagħha fl-4 ta' Settembru, 2018, wara li ppremettiet li ġiet notifikata bil-lodo arbitrali fl-20 ta' Awwissu, 2018), fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... peress illi ma jkunx xieraq illi l-każ jerġa' jintbagħat lura lill-Arbitru għall-konsiderazzjoni mill-ġdid, għandha tkun din l-Onorabbli Qorti illi wara li twarrab id-deċiżjoni tal-Arbitru li jakkolji t-talbiet tal-Ministru rikorrent:*
>
> *i. Fl-ewwel lok riferibbilment għat-talba tal-Ministru appellat indikata fl-*istatement of claim*, tiċħad it-talbiet kollha tiegħu u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata magħmula fl-*istatement of defence *tagħha;*
> *ii. Fit-tieni lok tilqa' l-kontro-talba tal-intimata fis-sens illi tiddikjara li r-rikorrent rikonvenut huwa debitur tas-soċjetà intimata rikonvenjenti fis-somma ridotta (ammessa fl-affidavit ta' Noel Montebello) ta' erbatax-il elf, tliet mija u erbgħa u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (€14,394.17) u tikkundannah sabiex iħallas l-ammont imsemmi lis-soċjetà intimata rikonvenjenti bl-imgħaxijiet skont il-liġi;*
> iii. *Fit-tielet lok tordna illi l-ispejjeż kollha tal-arbitraġġ jitħallsu mill-Ministru appellat."*

7. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bil-lodo arbitrali u eċċepiet li d-deċiżjoni appellata hija nulla għaliex hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u b'mod sussidjarju *ai termini* tal-artikoli 69A(2)(b) u l-artikolu 70A tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta żiedet tispjega li t-Tribunal

naqas milli jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll għamel apprezzament żbaljat ta’ punt ta’ liġi *ai termini* tal-artikolu 70B (1) tal-Kap. 387.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li hija pparteċipat bis-sħiħ f’kawża li ma kinitx waħda ta’ faċili spedizzjoni, ressqet numru konsiderevoli ta’ xhieda u tat spjegazzjonijiet dettaljati ta’ kif waslet għall-pożizzjoni tagħha, it-Tribunal imkien ma indika għal liema raġuni wasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti ipprova sodisfaċentement il-każ tiegħu, min-naħa l-oħra is-soċjetà intimata naqset milli tipprova dak li kellha tipprova *vis à vis* t-talba tar-rikorrent u l-kontrotalba tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li filwaqt li t-Tribunal jgħid li l-azzjoni tal-Ministeru appellat hija dik ta’ *indebiti solutio,* fl-Avviż tat-Talba tiegħu l-appellat isemmi *unjustified enrichment,* jew l-*actio de in rem verso,* li hija differenti minn azzjoni ta’ *indebiti solutio.* Is-soċjetà appellanta tgħid li tħossha aggravata għaliex jirriżulta li t-Tribunal ta piż lix-xhieda mressqa mir-rikorrent, jiġifieri Charles Deguara, Noel Montanaro u Tanya Zerafa, u li x-xhieda ta’ dawn flimkien tifforma l-pern tal-azzjoni tar-rikorrent. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal rrimarka dwar il-fatt li s-soċjetà intimata ressqet il-kontrotalba tagħha biss wara li rċeviet l-Avviż tat-Talba tar-rikorrent, u li l-kontrotalba tagħha ġiet emendata wara li naqqset is-sorti fil-mori tal-proċeduri. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li r-raġunament adottat mit-Tribunal huwa wieħed “lapidarju, skjett u ġeneriku għall-aħħar”, partikolarment meta wieħed iqis li l-aċċertament li kellu jsir minnu kien wieħed li jirrikjedi motivazzjoni ftit jew wisq approfondita tal-elementi tal-

*indebiti solutio.* Kompliet tgħid li dan in-nuqqas tat-Tribunal wassal għal leżjoni tal-jeddijiet tagħha, u ma kien hemm xejn fil-provi li kellu jwassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni li l-appellat ipprova l-każ tiegħu, filwaqt li s-soċjetà intimata naqset milli tipprova dak li kellha tipprova.

9. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li skont l-artikolu 70B(1) tal-Kap. 387, appell taħt l-artikolu 70A għandu jidentifika l-punt ta' liġi li għandha tittieħed deċiżjoni dwaru, u għandu jispeċifika t-tifsira li r-rikorrent jallega li hija t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-punt ta' liġi huwa dak li tqajjem mill-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u li ġie ripetut mit-Tribunal fil-paragrafu 25 tad-deċiżjoni, jiġifieri li din l-azzjoni hija waħda ta' *indebiti solutio.* Dan minkejja li fl-Avviż tal-Arbitraġġ imressaq minnu, l-appellat speċifika li l-azzjoni hija waħda ta' *unjustified enrichment.* Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li l-punt ta' liġi inkwistjoni huwa faċilment identifikabbli, jiġifieri dak tal-*indebiti solutio* kif prospettat fl-artikoli 1021 u 1022 tal-Kap. 16. Kompliet tgħid li biex ikun hemm lok għar-rifużjoni tal-indebitu, irid jiġi ppruvat li jkun sar pagament li ma kienx dovut, u li dan il-pagament ikun sar bi żball, li jkun żball *di fatto* u mhux żball *di diritto,* u l-prova ta' dan kollu tinkombi fuq min jipproponi l-azzjoni. Żiedet tgħid li t-Tribunal fil-lodo tiegħu ma daħal fl-ebda wieħed mill-elementi tal-*indebiti solutio* u għalhekk is-soċjetà intimata ma tistax ħlief terġa' tirreferi għall-provi li b'mod ċar jeskludu għalkollox li din l-azzjoni kif proposta mill-appellat kellha tirnexxi. Qalet li b'dan kollu hi mhijiex tistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, għaliex jidher ċar li t-Tribunal ma għamel l-ebda

evalwazzjoni u lanqas għamel xi eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi, jew f'każ li sar tali eżerċizzju, naqas milli jiddelibera dwar dan u ma ta l-ebda motivazzjoni dwar il-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li jirriżulta ampjament sodisfatt li sar pagament min-naħa tal-Ministeru u għalhekk l-ewwel element tal-azzjoni jirriżulta sodisfatt. Kompliet tgħid iżda li t-tieni u t-tielet elementi tal-azzjoni ma jirriżultawx sodisfatti, partikolarment meta l-unika persuna min-naħa tal-Ministeru li setgħet tagħti sfond fattwali dwar il-każ, Anthony Savona *Director Corporate Services* irtirat, li xehed li fis-sejħa għall-offerti ma kienx speċifikat kemm kien l-ammont ta' *cleaners* li kienu meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol, u li kien l-offerent li speċifika kemm kien ser ikun hemm *cleaners.* Dan ix-xhud qal ukoll li għalih l-importanti kien li x-xogħol isir, u li jsir kif suppost. Qal ukoll li għalih ma kienx jimporta jekk min jirbaħ it-*tender* jużax aktar ħaddiema f'anqas ħin, jew inkella inqas ħaddiema f'aktar ħin. Is-soċjetà appellanta qalet li mix-xhieda mogħtija mill-istess Savona, jirriżulta li l-Ministru kien mgħarraf bin-numru ta' ħaddiema li kien ikun hemm f'kull ħin, u għalih l-importanti kien li x-xogħol kien qiegħed isir u mhux minn kemm persuni kien qiegħed isir. Qalet li kien biss wara li spiċċa l-kuntratt li sar eżerċizzju ta' verifika mill-NAO, u tressqet pretensjoni mill-Ministru għar-rifużjoni ta' flejjes li beda jintqal li tħallsu żejda. Qalet li huwa "allarmanti" l-mod kif it-Tribunal xejjen ix-xhieda ta' Savona billi għamel riferiment għall-fatt li dan beda jixhed mill-memorja u qal li l-kontenut tax-xhieda ta' Savona ftit li xejn titfa' dawl fuq il-problema taħt eżami. Is-soċjetà appellanta qalet li Savona kien ċar f'dak li qal u speċifika biss li huwa kien qiegħed jixhed milli jiftakar sabiex jiċċara għall-partijiet li hu kien qiegħed

jixhed mill-memorja. Is-soċjetà appellanta qalet li dan kien *lump sum contract,* fejn għall-Ministeru kien importanti li x-xogħol isir u mhux minn kemm persuni jsir ix-xogħol. Minkejja dan it-Tribunal iddikjara li dan kien kuntratt għat-tindif f'Ministeru permezz ta' *cleaners* ipprovduti mis-soċjetà intimata, iżda dan ma kienx isemmi somma globali u xejn aktar. L-indafa kellha tinżamm permezz ta' għadd ta' ħaddiema, li kienu mitluba jaħdmu ċerti ħinijiet u jispjegaw il-ħlasijiet mitluba għalihom. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li anki hawnhekk it-Tribunal ma kienx korrett, għaliex fis-sejħa għall-offerti mkien ma ntalab li l-offerent iniżżel in-numru ta' sigħat meħtieġa. Kulma kien speċifikat kien li n-*normal working week* hija mit-Tnejn sal-Ġimgħa, li s-servizzi ta' ndafa setgħu jibdew sa siegħa qabel il-ħin tax-xogħol, u li kellhom jispiċċaw sat-tlieta ta' waranofsinhar, u li kienet meħtieġa l-preżenza ta' *cleaner* waħda sal-ħamsa. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li l-ħlas għal dawn is-sigħat ta' xogħol kellu jkun bir-rata ta' €5.60 fis-siegħa għal kull persuna. Kompliet tgħid li f'*item 3* l-Ministeru talab illi "*the number of cleaners proposed is to be declared in the tender",* u s-soċjetà appellanta kienet niżżlet in-numru ta' ħaddiema li kellha tipprovdi bħala 5. Is-soċjetà appellanta qalet li kienet meħtieġa l-preżenza ta' ħames ħaddiema fuq il-post tax-xogħol fir-rigward biss ta' dak ix-xogħol li kellu jsir darba fil-ġimgħa u dak ix-xogħol li kellu jsir darba fix-xahar, filwaqt li għax-xogħol li kellu jsir ta' kuljum, kienu meħtieġa erba' ħaddiema. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ċertament ma arrikkietx ruħha indebitament meta għal xi żmien qabbdet sitt ħaddiema jagħmlu x-xogħol minflok erbgħa, u dan għaliex filwaqt li kien hemm ammont ta' xogħol li kellu jsir ta' kuljum, kien hemm xogħol ieħor li kellu jsir ta' darba fil-ġimgħa jew ta' darba fix-xahar, u

dan ix-xogħol sar dejjem u mingħajr ebda ilmenti. Is-soċjetà appellanta spjegat ukoll li mill-provi ħareġ ċar li r-rikorrent kien jaf li huwa kien obbligat jivversa l-pagamenti lis-soċjetà intimata skont it-termini u l-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, u għalhekk in linea mal-prinċipju li kuntratt għandu jiġi esegwit *in buona fede* u li meta s-sens litterali ta' kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher ċara mill-assjem tal-pattijiet meħuda flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni "*non mens verbis sed verba menti servire debent".* Huwa għalhekk, żiedet tgħid is-soċjetà appellanta, li l-appellat ma jistax jgħid li l-pagamenti vversati minnu saru "bi żball" jew li tali żball kien wieħed *di fatto.*

10. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li l-appellat jammetti li għas-servizzi reżi minnha lilu fl-2014 huwa dovut l-ammont ta' €14,394.17 u li qiegħed jippretendi wkoll li dan l-ammont għandu jiġi paċut ma' dak dovut lilu mis-soċjetà appellanta. L-appellanta qalet li għaliha mhux ċar jekk appell fuq il-kontrotalba tagħha jinkwadrax ruħu taħt l-artikolu 70A(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġi, li jillimita l-appelli minn arbitraġġi volontarji għal punt ta' liġi. L-appellanta kkonkludiet billi qalet li wara snin ta' proċeduri hija qiegħda tħoss sens qawwi ta' frustrazzjoni, partikolarment għaliex l-aktar xhud importanti, li waħdu kellu jkun determinanti biex din il-kawża tkun tista' tiġi deċiża, kellu l-kredibbilità tiegħu attakkata mhux biss mill-parti l-oħra, iżda anki mit-Tribunal li qal li ma setax joqgħod fuq dak li xehed dan ix-xhud mingħajr ma ta r-raġunijiet li fuqhom qiegħed isejjes id-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta fl-aħħar nett qalet li filwaqt li ma jkunx xieraq li dan il-każ jintbagħat lura lit-Tribunal għall-konsiderazzjoni mill-ġdid, għandha tkun din il-Qorti li wara li

twarrab id-deċiżjoni tat-Tribunal, tiċħad it-talbiet tal-Ministru appellat, tilqa' l-kontrotalba tal-intimata fis-sens li tiddikjara li l-appellat huwa debitur tas-soċjetà appellanta rikonvenzjonanta fis-somma ta' €14,394.17, bl-imgħaxijiet skont il-liġi, u bl-ispejjeż kontra l-appellat.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

11. Fir-risposta tal-appell, l-appellat wieġeb li l-lodo arbitrali appellat huwa ġust u legali u għalhekk jimmerita li jiġi kkonfermat. Qal li r-rikors tal-appell huwa null għaliex fit-talbiet tiegħu lill-Qorti tal-Appell, l-appellant naqas milli jitlob in-nullità tal-lodo arbitrali. Żied jgħid li f'dan l-istadju appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, filwaqt li t-tieni aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta huwa dwar l-apprezzament tal-provi, fattur dan li jirrendi r-rikors tal-appell kompletament null.

12. L-appellat qal li l-ewwel aggravju m'għandu l-ebda bażi legali, u dan għaliex l-appellant isostni li d-deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni u t-Tribunal naqas milli jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellat jgħid li dan mhux minnu għaliex jirriżulta li t-Tribunal għamel apprezzament profond u akkurat tal-provi li tressqu quddiemu, permezz ta' sitt paragrafi ta' konsiderazzjonijiet u tliet paġni ta' apprezzament tal-provi. L-appellat qal li mil-lodo arbitrali għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel riferiment kemm għat-talba tal-appellat, kif ukoll għall-kontrotalba tas-soċjetà appellanta, kif ukoll għamel apprezzament profond u akkurat tal-provi fid-dawl tan-negozju

ġuridiku tal-*indebiti solutio,* u fl-aħħar wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Żied jgħid li għalhekk ir-rekwiżiti tal-liġi dwar x'għandu jkun fiha sentenza ġie sodisfatt, u bl-ebda mod ma jista' jintqal li d-deċiżjoni hija nulla. L-appellat għamel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis sive Frank Refalo et nominee vs. Mark Laferla nomine**[1]**,** fejn inkiteb li l-Qorti strettament mhijiex obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex hi tkun qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, iżda hija biss meħtieġa li tqis l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellat jgħid li lanqas dan m'għandu bażi legali, għaliex appell minn deċiżjoni arbitrali tista' ssir biss fuq punt ta' liġi. Minkejja dan, jgħid l-appellat, is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli japprofondixxi dwar l-elementi tal-*indebiti solutio,* u għalhekk għamlet riferiment mill-ġdid għal diversi provi li fil-fehma tagħha jeskludu għalkollox din l-azzjoni. L-appellat qal li dan kien tentattiv da parti tas-soċjetà appellanta sabiex terġa' tiftaħ il-provi, xi ħaġa li mhijiex ammissibbli fl-istadju tal-appell. L-appellat jagħmel riferiment għall-paragrafu 25 tal-lodo arbitrali fejn jintqal li dan huwa każ ta' azzjoni ta' *indebiti solutio* għaliex l-appellant qiegħed isostni li saru għadd ta' pagamenti bi żball u qiegħed jitlob ir-rifużjoni tagħhom. It-Tribunal qal li dan l-iżball ħareġ wara *audit* li sar mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, u mix-xhieda mressqa mill-appellat, li lkoll taw stampa ċara ta' kif hija fondata t-talba tar-rikorrenti. L-appellat għal darb'oħra sostna li l-elementi tal-*indebiti solutio* huma li sar ħlas tal-ammont reklamat, li

[1] 04.12.1998.

dak il-ħlas ma kienx minnu dovut lil min ħallsu, u li l-ħlas sar minħabba żball. L-appellat qal li fil-parti konklussiva tal-lodo arbitrali, it-Tribunal kkonkluda li kienu saru pagamenti żejda bi żball. Minkejja dan, l-appellat jgħid li s-soċjetà appellanta qiegħda tittenta terġa' tiftaħ il-provi f'dan l-istadju, xi ħaġa li mhijiex ammissibbli f'dan l-istadju tal-proċeduri. Kompla jgħid li t-Tribunal emmen il-verżjoni tal-appellat u mhux dik tas-soċjetà appellanta, partikolarment meta għamel riferiment għax-xhieda ta' Anthony Savona u qal li x-xhieda tiegħu ftit li xejn tista' titfa' dawl fuq il-problema taħt eżami. L-appellat jagħmel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna[2] li jispeċifikaw li mill-atti tal-appell irid jirriżulta liema hija n-norma li ġiet vjolata, jiġifieri liema huwa l-punt ta' dritt li s-soċjetà appellanta tippretendi li ġie leż. L-appellat qal li f'dan il-każ imkien ma jintqal liema hija n-norma vjolata jew il-prinċipju ta' dritt li l-appellant jippretendi li ġie leż. L-appellat jgħid li t-Tribunal applika l-liġi għall-assjem tal-provi miġjuba quddiemu u għalhekk ma kien hemm vjolazzjoni tal-ebda norma. L-appellat jgħid ukoll li l-appellant imkien ma jispeċifika fir-rikors tal-appell tiegħu liema hija t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat minnu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-

[2] **Go Fuels Limited *vs.* Direttur Ġenerali tal-Kuntratti**, App. Ċiv. Inf., 30.09.2015.

konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali, li laqa' t-talbiet tal-appellat u ċaħad l-eċċezzjonijiet u l-kontrotalba imressqa mis-soċjetà appellanta. Huwa ċar mir-rikors tal-appell li dak li qiegħda titlob is-soċjetà appellanta huwa li din il-Qorti tannulla l-lodo arbitrali u filwaqt li tiċħad it-talbiet kif postulati mill-appellat, tgħaddi biex tilqa' l-kontrotalba mressqa mill-appellanta. Din il-Qorti għalhekk sejra twarrab l-eċċezzjoni tal-appellat li r-rikors tal-appell huwa null għaliex is-soċjetà appellanta naqset milli titlob in-nullità tal-lodo arbitrali, għaliex dak li jrid jikseb l-appellant bis-saħħa tar-rikors tal-appell tiegħu, jirriżulta ċar mir-risposta tal-appell.

*L-Ewwel Aggravju: it-Tribunal naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata għaliex minkejja li hija pparteċipat bis-sħiħ fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, billi ressqet il-provi tagħha kif ukoll diversi xhieda, madanakollu wara tliet snin ta' proċeduri hija baqgħet ma tafx x'inhi r-raġuni għalfejn it-Tribunal ikkonkluda li t-talbiet tal-appellat kellhom jintlaqgħu, filwaqt li l-kontrotalba tagħha ġiet miċħuda. Filwaqt li fehmet x'inhu dak li qiegħda tilmenta dwaru s-soċjetà appellanta bir-rikors tal-appell tagħha, il-Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-proċess sabiex tasal għall-konklużjoni indipendenti dwar jekk dan l-aggravju għandux jintlaqa' jew le. Dak li qiegħda tilmenta dwaru s-soċjetà appellanta huwa li wara tliet snin ta' proċeduri, numru konsiderevoli ta' seduti kif jirriżulta mill-verbali fil-proċess, diversi xhieda li wħud minnhom ittellgħu

jixhdu aktar minn darba, *affidavits* li tħejjew b'mod dettaljat minn uffiċjali tal-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll minn esponenti tas-soċjetà appellanta, u l-produzzjoni ta' diversi provi dokumentarji in sostenn ta' dak li kull parti qiegħda tissottometti, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu f'deċiżjoni miktuba fi ftit paġni, u wara konsiderazzjonijiet miktuba f'sitt paragrafi. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal iddikjara li x-xhud Anthony Savona, li fiż-żmien rilevanti meta nħarġet is-sejħa għall-offerti mertu ta' dawn il-proċeduri, kien id-*Director Corporate Services* fil-Ministeru tal-Finanzi, ma kellu xejn ta' rilevanza x'jgħid fix-xhieda tiegħu, għaliex dan kien laħaq irtira sakemm inbdew dawn il-proċeduri u fix-xhieda tiegħu straħ fuq dak li ftakar. Din il-Qorti tqis li proprju għaliex il-ġustizzja f'kull każ trid tidher li qed issir, hija għandha l-obbligu li terġa' teżamina l-atti tal-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, u għalkemm mhix mistennija li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi li tressqu fl-ewwel istanza, ma tistax tingħata deċiżjoni ġusta u kompluta minn Qorti ta' reviżjoni mingħajr ma l-ewwel issir analiżi dettaljata ta' x'kien li wassal lill-Ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda.

16. Il-proċeduri arbitrali raw il-bidu tagħhom wara li fl-2014 kien sar eżerċizzju ta' verifika mill-Uffiċċju Nazzjonali għall-Verifika, fejn l-Awditur Ġenerali investiga diversi kuntratti li l-appellat kien firmatarju tagħhom, fosthom il-kuntratt ta' tindif iffirmat mas-soċjetà appellanta, u f'dan il-każ kienu nstabu xi nuqqasijiet. Jirriżulta li s-sejħa għall-offerti inkwistjoni kienet ħarġet fl-2010, u l-perijodu li matulu l-kuntratt inkwistjoni kien fis-seħħ kien

bejn l-1 ta' Jannar 2011 u Marzu tal-2014. Fost in-nuqqasijiet li nstabu hemm il-fatt li minkejja li s-soċjetà appellanta kienet indikat li ser tibgħat ħames ħaddiema jaħdmu fil-Ministeru tal-Finanzi, fil-verità kienu qegħdin jintbagħtu kuljum erba' ħaddiema, filwaqt li ħaddiema addizzjonali kienu qegħdin jintbagħtu biex jagħmlu xogħol li kien meħtieġ ta' darba fil-ġimgħa, ta' darba fix-xahar jew ta' darba kull erba' xhur. Lejn l-aħħar tal-2011, inħasset il-ħtieġa li għadd ta' ħaddiema jibdew jipprestaw is-servizzi tagħhom f'żewġ binjiet oħra li kienu jaqgħu wkoll taħt l-imsemmi Ministeru, imma li kienu f'postijiet differenti fil-Belt Valletta. Jirriżulta li l-ħlas għal dawn il-ħaddiema ma kienx qiegħed jintalab mis-soċjetà appellanta bir-rata fissa ta' €5.60 fis-siegħa kif kien ġie mifthiem, imma bir-rata li biha kienet titħallas is-sahra, jiġifieri bis-€6.80 fis-siegħa. Nuqqasijiet oħra li nstabu kienu dettalji neqsin minn fuq il-*payment vouchers,* kif ukoll il-fatt li s-soċjetà appellanta baqgħet qatt ma ppreżentat garanzija bankarja skont it-termini tal-kuntratt li kien jorbot lill-partijiet, u għalkemm il-kuntratt kien jimponi multa għal nuqqas bħal dan, l-appellat spjega li l-ħlas ta' din il-multa ma tiffurmax parti mill-proċeduri arbitrali odjerni.

17. Dawn id-diskrepanzi xehdu fid-dettall dwarhom uffiċjali ewlenin tal-Uffiċċju tal-Verifika, fosthom Charles Deguara, dak iż-żmien Deputat Awditur Ġenerali, Tanya Zerafa u Noel Montebello, li flimkien mal-*affidavits* tagħhom ippreżentaw provi ulterjuri u dettaljati dwar il-pretensjoni tal-appellat. Dawn ix-xhieda spjegaw quddiem it-Tribunal li l-ħlas żejjed għall-erba' ħaddiema li ntbagħtu minflok ħamsa, kien jammonta għal €21,988.52, u dan għaliex il-

Ministeru kien qiegħed iħallas għal 145 siegħa ta' xogħol, meta fil-fatt kienu qegħdin jinħadmu 130 siegħa. Dawn ix-xhieda spjegaw ukoll li l-ħlas żejjed għall-ħaddiema li ntbagħtu fil-binja tal-PCRB u ġewwa Maison Demandols bir-rata ta' €6.80 fis-siegħa minflok bir-rata ta' €5.60 fis-siegħa, kien jammonta għal €3,564.38, sabiex b'hekk it-total ta' flus żejda mħallsa mill-appellat lis-soċjetà appellanta jammonta għal €25,552.90. B'riferiment għall-kontrotalba tas-soċjetà appellanta, dawn ix-xhieda rrikonoxxew li hemm pendenti ħlas għas-servizzi pprestati minn ħaddiema tal-appellanta bejn Jannar u Marzu tal-2014, li b'kollox jammonta għal €10,481.37 u ħlas għall-għoli tal-ħajja tul it-tliet snin tal-kuntratt li jammonta għal €3,912.80. Fil-mori tal-proċeduri quddiem it-Tribunal ġie stipulat li kien sar tibdil għar-regolamenti li jirregolaw kuntratti pubbliċi, fis-sens li min jagħti l-kuntratt huwa obbligat iħallas għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja għaliex li kieku dawn ikollhom jiġu assorbiti minn min jingħata l-kuntratt, il-vijabilittà tal-kuntratt titpoġġa f'riskju. Kien għalhekk li wara tliet snin, ġie stabbilit li l-appellat għandu jagħmel tajjeb għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja, li ġie stabbilit li kienu jammontaw għal €3,912.80.

18. Il-Qorti tqis li t-*tender document* li mtela mis-soċjetà appellanta kien jispeċifika li *"the number of cleaners is to be declared in the tender",* u li s-soċjetà appellanta kienet speċifikat li hija kienet ser tibgħat ħames ħaddiema fl-uffiċċji tal-Ministeru tal-Finanzi. Il-Qorti qieset ukoll li x-xhud Anthony Savona, li fiż-żmien tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni kien uffiċjal ewlieni fil-Ministeru tal-Finanzi, imma li fiż-żmien meta ta d-depożizzjoni tiegħu kien laħaq irtira, qal li s-sejħa għall-offerti għal servizzi ta' tindif inħarġet bl-

awtorizzazzjoni tiegħu, u dak iż-żmien l-offerenti interessati kienu mistiedna jattendu għal *site visit* fil-Ministeru sabiex ikunu jistgħu jaraw ix-xogħol x'kien jinvolvi. Dan ix-xhud qal li lilu ma kienx jaffettwah in-numru ta' ħaddiema li kienu jintbagħtu mis-soċjetà appellanta, u għalih l-importanti kien li x-xogħol isir sew. Dan ix-xhud qal li fil-fatt qatt ma kien hemm ilmenti dwar il-kwalità tas-servizzi pprestata mill-ħaddiema tas-soċjetà appellanta. Qal ukoll li x-xogħol seta' jsir minn anqas ħaddiema f'aktar ħin, jew inkella minn iżjed ħaddiema f'anqas ħin, u l-aktar ħaġa importanti f'dan kollu kienet li x-xogħol isir.

19. Xhud ewlenija prodotta mis-soċjetà appellanta kienet Roann Avallone, *financial controller* tal-istess soċjetà, li spjegat li l-kuntratt inkwistjoni kien jipprospetta ħlas fiss ta' darba fix-xahar u mhux fis-siegħa u skont in-numru ta' ħaddiema. Din ix-xhud qalet li s-soċjetà appellanta kienet toħroġ fattura ta' darba fix-xahar u fattura oħra kull erba' xhur għax-xogħol li ried isir kultant żmien u mhux ta' kuljum. Din ix-xhud qalet li s-soċjetà appellanta qatt ma ppretendiet ħlas żejjed meta minflok ħames ħaddiema bagħtet seba' ħaddiema fis-siti tal-Ministeru tal-Finanzi.

20. Mill-atti jirriżulta li t-Tribunal analizza din ix-xhieda kollha, u għamel sunt tagħha fil-parti tal-konsiderazzjonijiet tiegħu fil-lodo arbitrali. Is-soċjetà appellanta donnha bl-appell tagħha qiegħda tgħid li t-Tribunal fil-lodo tiegħu m'għamilx ġustizzja mat-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri u mal-fatt li kien hemm diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom, partikolarment għaliex

huwa evidenti li t-Tribunal ibbaża ruħu fuq ix-xhieda ta' tliet uffiċjali tal-Ministeru tal-Finanzi, u skarta għalkollox dak li kellu xi jgħid Anthony Savona, li kien il-persuna li awtorizza l-ħruġ tal-imsemmija sejħa għall-offerti. Tgħid ukoll li għadu mhux ċar kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-*indebiti solutio* għandha tirnexxi, filwaqt li l-kontrotalba tagħha għandha tiġi miċħuda, meta t-Tribunal m'għamel l-ebda approfondiment dwar dan fil-lodo arbitrali. Il-Qorti tifhem x'wassal lis-soċjetà appellanta tressaq dan l-aggravju. Hawn min isostni li snin twal ta' proċeduri quddiem il-Qrati, partikolarment meta dawn is-snin ikunu intużaw b'mod għaqli mill-partijiet biex jitressqu għadd konsiderevoli ta' xhieda, u diversi provi dokumentarji sabiex isaħħu l-pożizzjoni tal-partijiet rispettivi fil-kawża, għandhom jissarrfu f'deċiżjonijiet li jkunu twal u dettaljati. Fost dawk li jersqu quddiem il-Qrati u t-Tribunali sabiex ifittxu ġustizzja, hemm min isostni li aktar ma sentenza tkun twila u dettaljata, aktar huwa kbir iċ-ċans li tkun saret ġustizzja magħhom. Donnu li b'dan il-mod biss iserrħu rashom li l-ġudikant ikun fela d-dokumenti kollha li jkollu quddiemu u kkonsidra dak li kellu xi jgħid kull xhud. Imma din il-linja ta' ħsieb mhijiex neċessarjament korretta jew riflessjoni ta' dak li jseħħ fir-realtà. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet li fi proċeduri arbitrali, it-Tribunal jiddeċiedi l-kwistjoni li jkollu quddiemu fuq il-bażi tal-ekwità u tal-ġustizzja. F'dan il-każ, din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li terġa' teżamina l-provi, mhux biex tiftaħ il-każ mill-ġdid, imma biex tassigura ruħha li ma kien hemm l-ebda dettall, l-ebda xhud ta' rilevanza li tħalla barra mill-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, għaliex b'hekk biss tista' ssir ġustizzja mal-partijiet. Jirriżulta li minkejja dak li xehed Anthony Savona, li għalih l-importanti kien li x-xogħol isir

u jsir sew, is-soċjetà appellanta kuntrattwalment kienet marbuta li ta' kuljum tipprovdi ħames ħaddiema fl-uffiċini tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jagħmlu x-xogħol ta' tindif meħtieġ. Is-sejħa għall-offerti kienet tispeċifika liema kien ix-xogħol li kellu jsir ta' kuljum, liema kien ix-xogħol li kellu jsir darba fil-ġimgħa, liema kien ix-xogħol li kellu jsir darba fix-xahar u liema kien ix-xogħol li kellu jsir darba kull erba' xhur. Is-soċjetà appellanta speċifikat fl-offerta tagħha li għas-servizzi li kienet mistennija li tagħti, hija kienet ser tipprovdi ħames ħaddiema, li bejniethom kellhom jaħdmu 145 siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa. Mhuwiex minnu dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta li hija kellha kuntratt ta' xogħol bi ħlas fiss ta' kull xahar, u li hija kienet tenuta li tipprovdi ħames ħaddiema biss meta jkun mistenni li jsir xogħol oltre ix-xogħol ta' kuljum. Il-Ministeru appellat kien qiegħed iħallas għal 145 siegħa ta' tindif fil-ġimgħa, imma fil-verità jirriżulta li l-ħaddiema tas-soċjetà appellanta kienu qegħdin jaħdmu biss 130 siegħa fil-ġimgħa. Dan ifisser li l-Ministeru tal-Finanzi kien qiegħed iħallas żejjed ta' ħmistax-il siegħa xogħol fil-ġimgħa, li ma kinux qegħdin jingħataw mill-ħaddiema tas-soċjetà appellanta. Mill-atti jirriżulta wkoll li bejn il-partijiet ma ġietx maqbula rata ta' ħlas ogħla fir-rigward tal-ħaddiema li kellhom jintbagħtu jagħmlu xogħol ġewwa l-bini tal-PCRB u ġewwa Maison Demandols, u għalhekk il-ħlas għal dan is-servizz kellu wkoll jsir bir-rata ta' €5.60 fis-siegħa. Kwalsiasi ħlas żejjed li sar min-naħa tal-Ministeru tal-Finanzi huwa ħlas indebitu. Skont l-artikolu 1021 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni tal-*indebiti solutio* hija maħsuba sabiex "kull min jirċievi sew xjentement jew bi żball ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċeviha bla jedd". Barra minn hekk,

"kull min billi jaħseb bi żball li hu debitur iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur". Huma tlieta l-elementi sabiex din l-azzjoni tirnexxi: (i) l-attur ħallas l-ammont minnu reklamat; (ii) dak li ħallas ma kienx minnu dovut lil min ħallsu; (iii) kien ħallas minħabba żball. Il-liġi tagħti l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq, imma anki meta għalkemm xi ħlas kien mistħoqq, ikun sar ħlas iżjed milli kien mistħoqq. Meta jiġri dan, min iħallas żejjed għandu jedd li jfittex lill-konvenut għaż-żejjed imħallas, għalkemm huwa ben stabbilit ukoll li sabiex jissusisti il-jedd għal din l-azzjoni, min iħallas iż-żejjed irid ikun għamel dan bi żball, u dan l-iżball ikun wieħed ta' fatt. Is-soċjetà appellanta toħloq dubju dwar in-natura tal-azzjoni esperita mill-appellat, u tgħid li minkejja li t-Tribunal ddeċieda din il-vertenza daqslikieku l-kawża odjerna kienet waħda ta' *indebiti solutio,* mhux ċar mid-diċitura użata fl-Avviż tat-Talba jekk l-appellat riedx fil-fatt jiftaħ kawża għall-arrikkiment indebitu jew *actio de in rem verso.* Id-differenza bejn iż-żewġ azzjonijiet hija ċara, u għal din il-Qorti huwa ċar, bħalma kien għat-Tribunal, li l-azzjoni odjerna hija waħda għar-radd lura ta' flejjes li tħallsu żejda bi żball. L-azzjoni *de in rem verso* issib l-applikabilità tagħha fejn in-negozju ġuridiku intervenut bejn id-danneġġjat u l-arrikit jirriżuluta li "huwa null, u kwindi minnu ma titwelidx azzjoni, (b) jew li jkun ġie riżolut, (ċ) jew li tonqos fih il-kawża."

21. F'dan il-każ huwa paċifiku li l-Ministeru tal-Finanzi appellat għamel ħlasijiet lis-soċjetà appellanta f'diversi ammonti fuq medda ta' tliet snin. Jirriżulta li sabiex seta' jsir il-ħlas kienu jintbagħtu fatturi u jinħareġ *payment voucher*

min-naħa tas-soċjetà appellanta, u min-naħa tal-appellat dawn il-ħlasijiet kienu jsiru b'mod regolari, skont dak li kien jintalab iħallas mis-soċjetà appellanta.

22. Kien biss wara l-verifika li saret b'mod indipendenti mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, li ġie stabbilit li kienu saru diversi ħlasijiet li ma kinux mistħoqqa mis-soċjetà appellanta, partikolarment għaliex in-numru ta' ħaddiema u s-sigħat li tagħhom sar il-ħlas kienu inqas mis-sigħat attwalment maħduma mill-ħaddiema tas-soċjetà appellanta. Mill-atti jirriżulta wkoll li min-naħa tas-soċjetà appellanta saret talba għall-ħlas f'rati li jeċċedu r-rata għas-sigħat normali ta' xogħol stabbilita u maqbula bejn il-partijiet, dik ta' €5.60 fis-siegħa. Min-naħa tal-appellat ġie ppruvat li tali ħlasijiet żejda kienu jammontaw għal €25,552.90, u parti minn dan l-ammont diġà ġie paċut mal-ammonti li s-soċjetà appellanta kellha titħallas għas-servizzi pprestati minnha fix-xhur bejn Jannar u Marzu 2014 ammontanti għal €10,481.37, filwaqt li kien dovut lis-soċjetà appellanta ammont ulterjuri ta' €3,912.80 rappreżentanti ħlas għall-għoli tal-ħajja għat-tliet snin tal-kuntratt. Kalkolu matematiku sempliċi bbażat fuq dawn iċ-ċifri jwassal għal ammont ta' €11,158.73 li jridu jintraddu lura mis-soċjetà appellanta lill-appellat. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, anki jekk mhux f'daqstant kliem, li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu li filwaqt li l-appellat irnexxielu jipprova t-talba tiegħu, is-soċjetà appellanta naqset milli tipprova abbażi ta' xiex qiegħda tippretendi il-ħlas reklamat fil-kontrotalba tagħha. Il-fatt li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellanta ġie ridott wara li kienu nbdew il-proċeduri arbitrali, kif ukoll il-fatt li

l-appellanta stenniet lill-appellant jistitwixxi l-proċeduri arbitrali u wara nqdiet bir-risposta tagħha sabiex tagħmel kontrotalba, juri li s-soċjetà appellanta ma tantx kienet fiduċjuża li l-pretensjoni tagħha kienet ġustifikata jew li għandha tiġi milqugħa. Mill-provi jirriżulta wkoll li minkejja li l-appellat għamel diversi tentattivi sabiex jintlaħaq arranġament bonarju dwar il-pendenzi bejn il-partijiet, is-soċjetà appellanta baqgħet ma wriet l-ebda disponibbilità li tiltaqa' ma' uffiċjali tal-Ministeru, u għalhekk ma jistax jintqal li din uriet *bona fede* jew rieda li l-kwistjoni tiġi riżolta mingħajr rikors għal proċeduri ġudizzjarji. Jirriżulta wkoll li x-xhieda li taw Charles Deguara, Tanya Zerafa u Noel Montebello kienet aktar dokumentata u fattwali mix-xhieda li ta Anthony Savona, li f'diversi istanzi fix-xhieda tiegħu sostna li huwa ma kellux aċċess għad-dokumenti tal-Ministeru, u li kien qiegħed jixhed fuq dak li jiftakar mill-memorja.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *appell fuq punt ta' liġi*

23. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 70B(1) tal-Kap. 387, li jistipula li appell taħt l-artikolu 70A għandu jispeċifika l-punt ta' liġi li għandha tittieħed deċiżjoni dwaru, u għandu jispeċifika t-tifsira li r-rikorrent jallega li hija t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat. L-appellanta sostniet li minkejja li mill-atti jirriżulta li l-kwistjoni odjerna hija waħda bbażata fuq ir-

radd lura ta' indebitu, f'dan il-każ iridu jissussistu t-tliet elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni - jiġifieri li sar pagament, li l-pagament ma kienx dovut, u li l-pagament sar bi żball *di fatto.* Qalet li t-Tribunal ma approfondixxa dwar l-ebda wieħed mill-elementi tal-indebitu, u minkejja li f'dan il-każ jirriżulta ppruvat l-element tal-ħlas da parti tal-Ministeru, l-elementi kostituttivi l-oħra tal-azzjoni ma jirriżultawx ippruvati. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Anthony Savona, li qal li l-ħlas għas-servizzi li kellha tipprovdi s-soċjetà appellanta kellu jammonta għal €42,224 fis-sena, u għalih in-numru ta' ħaddiema pprovduti ma kienx importanti, għaliex l-aktar ħaġa importanti kienet li x-xogħol isir. Is-soċjetà appellanta qalet li minn dak li xehed Anthony Savona jirriżulta li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi kien jaf kemm kien in-numru ta' ħaddiema li kienu qegħdin imorru jnaddfu, u kien biss wara li sar eżerċizzju indipendenti ta' verifika li l-appellat beda jippretendi li għandu dritt jesiġi li jkun hemm rifjużjoni tal-flus żejda mħallsa minnu. Qalet ukoll li l-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri kien *lump sum contract,* u għalhekk l-ammont ta' ħaddiema li jintbagħtu jagħmlu x-xogħol kien konsiderazzjoni irrilevanti fl-implimentazzjoni tal-kuntratt.

24. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija fil-konsiderazzjonijiet li saru dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti ttenni li l-parti tax-xhieda li qiegħda takkampa ruħha magħha s-soċjetà appellanta mhix sostnuta minn provi dokumentarji u oġġettivi li nġabu fil-proċeduri. Jirriżulta li fil-fatt il-ħlas li kien qiegħed isir mill-appellat għas-servizzi pprestati mis-soċjetà appellanta, kien jeċċedi l-€42,224 fis-sena li semma fix-xhieda tiegħu Anthony Savona. Jirriżulta wkoll li kienet is-

soċjetà appellanta li speċifikat fl-offerta tagħha li kienet ser tibgħat ħames ħaddiema sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ fl-uffiċini tal-Ministeru. Il-kalkoli tas-soċjetà appellanta meta tefgħet l-offerta tagħha kienu bbażati fuq dan in-numru ta' ħaddiema, u kien abbażi tan-numru ta' ħaddiema u l-ħlas mitlub għal kull ħaddiem li saret l-aġġudikazzjoni tat-*tender* favur tagħha min-naħa tal-appellat. Li kieku dak li xehed Anthony Savona kien minnu, li fl-aħħar mill-aħħar l-importanti kien li x-xogħol isir, ma kienx ikun hemm għalfejn tinħareġ fattura ta' kull xahar bi ħlas abbażi ta' rata fis-siegħa għal kull wieħed mill-ħames ħaddiema, u fattura oħra kull erba' xhur għax-xogħol li kien meħtieġ li jsir perjodikament. Tqis ukoll bħala inveritier dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta li kien hemm żmien meta hija kienet tibgħat sitt ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol fl-uffiċini li jaqgħu taħt l-appellat, imma li kienu barra mill-bini tal-Ministeru, għaliex kieku ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa għalfejn il-ħlas pretiż għas-servizzi mogħtija minn dawn il-ħaddiema jkun ekwivalenti għar-rata tal-ħlas għas-sahra.

25. Il-Qorti tqis ukoll li huwa inkonċepibbli li kumpannija li tipprovdi servizzi ta' tindif, bħas-soċjetà appellanta, tippretendi li l-Ministru jkun jaf bl-irqaqat u d-dettalji kollha ta' kull kuntratt iffirmat mill-Ministeru tiegħu. Jinkombi fuq min jipprovdi s-servizz li għalih jippretendi ħlas, li jassigura li l-ħlas li jintalab minnu li jkun konformi mat-termini tal-ftehim bejn il-partijiet. Kif jirriżulta mill-provi, l-uffiċjali ewlenin f'Ministeru jinbidlu minn żmien għal żmien, u f'dan il-każ kien hemm anki bidla tal-Ministru fis-snin rilevanti, u għalhekk huwa minn ewl id-dinja li kellha tkun investigazzjoni indipendenti mill-Uffiċċju Nazzjonali

tal-Verifika li kellha tikkonstata l-anomaliji bejn it-termini tal-kuntratt u l-ħlas li ntalab mis-soċjetà appellanta. Ċertament li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni tas-soċjetà appellanta li f'dan il-każ ma kienx hemm żball *di fatto* min-naħa tal-appellat meta sar il-ħlas, għaliex jirriżulta li l-ħlas sar skont it-talbiet li l-appellat kellu quddiemu, li saru mis-soċjetà appellanta.

Għal dawn ir-raġunijiet tqis li anki dan it-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, u spejjeż ta' dan l-appell a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**